MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 38/2009

Distinct Homes Limited

vs

John Vella

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fl-11 ta' Dicembru 2009, li jaqra hekk :-

'Ghid inti konvenut il-ghaliex m'ghandekx tigi kkundannat li thallas l-ammont ta' tmien mija u tnejn u sebghin euro u disgha u erbghin euro centezmi (€872.49) import tas-segwenti invoices 13082, 12924, 1940 (*rectae* 12940), u 12983 rapprezentanti merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilek konvenut ;

Bl-interessi legali skond il-ligi mid-data ta' kull invoice sad-data tal-pagament effettiv ;

Bl-ispejjez gudizzjarji nkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-10 ta' Gunju 2009, u tal-ittra ufficjali skond l-Art.166A tal-Kap.12, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ngunt.' ;

Il-konvenut permezz tar-risposta tieghu pprezentata fil-11 ta' Frar 2010, eccepixxa :-

'1. Preliminarjament il-konvenut ma hux il-legittimu kontradittur fil-kawza odjerna ;

2. Preliminarjament it-talba hija preskritta ai termini ta' l-Art.2148(b) tal-Kap.16 ;

3. Ili minghajr pregudizzju ghall-premess il-merkanzija konsenjata ma hix tal-kwalita' pattwita ;

4. Ili minghajr pregudizzju ghall-premess il-prezz mitlub ma hux dak miftiehem ;

5. Ili minghajr pregudizzju ghall-premess l-ammont dovut kellu jigi pacut ma' ammont dovut mill-attrici ghal xoghol li ghamlet il-kumpannija G.V. Gozo Developments Co. Ltd. lill-istess attrici fl-ammont ta' erba' mija tnejn u erbghin Euro u tmienja u hamsin centezmi (€442.58) ;

Ghaldaqstant it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez.' ;

Sama' l-provi ;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha ;

Ra li fl-ahhar udjenza tat-3 ta' Marzu 2011, il-konvenut irtira t-tieni eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni tat-tmintax il-xahar, u halla ferm l-eccezzjonijiet l-ohra kollha ;

Sama' s-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet li ttrattaw il-kawza oralment ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Illi permezz ta’ din il-kawza s-socjeta’ attrici qed titlob minghand il-konvenut il-hlas tal-bilanc tal-prezz ta’ erbgha minn hames ordnijiet ta’ konsenji ta’ madum tat-tip Prunera Marfil skond il-fatturi esibiti a fol.13 sa 16 tal-process. Il-konvenut qed jirrifjuta li jaghmel dan il-pagament ghax jikkontendi fost eccezzjonijiet ohra, li l-madum ma giex ordnat minnu personalment, izda kien ordnah fil-kapacita’ tieghu ta’ rapprezentant tal-kumpannija tieghu G.V. Gozo Developments Co. Ltd., li fiha jokkupa l-kariga ta’ direttur manigerjali ;

Ghal din l-eccezzjoni l-konvenut htieglu jiddimostra, u wkoll jiddizimpenja ruhu bi provi adegwati, illi hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi ghat-talba proposta bl-istanza ghaliex hu personalment ma kienx dahal f’ebda rapport negozjali mal-kumpanija attrici ghax il-kontrattazzjoni saret ma’ kumpanija tieghu li taghha hu kien ir-rapprezentant jew mandatarju. [ara Qorti Tal-Appell, **Lawrence Formosa et noe vs Silvio Felice**, 6 ta’ Ottubru, 1999]. Mhux dan biss pero`. Huwa kellu jipprova wkoll illi fil-mument meta sar in-negozju s-socjeta` attrici, li maghha gew pjazzati l-ordnijiet, kienet a konoxxenza tal-fatt illi min pogga l-ordnijiet maghha u min maghha kkonkluda n-negozju kien qieghed f’dak il-mument jagixxi in rapprezentanza tas-socjeta` tieghu. Inghad li ‘Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f’dak il-mument illi min innegozja mas-socjeta` attrici kellhu jirrileva b’mod car u univoku illi f’dik il-kontrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f’ismu imma f’isem persuna ohra ben identifikata. Kellu jassigura ruhhu li dan il-fatt ikun gie sewwa a konoxxenza tas-socjeta` attrici f’dak il-mument ghaliex altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabilita` ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta.” (Qorti Tal-Appell, **John Vella noe vs Anthony Vella et**, 3 ta’ Dicembru, 1999) ;

Certament li din il-kontroversja hi essenzjalment wahda li tiddependi mill-valur u l-kredibilita` li tinghata lix-xhieda ta’ l-istess partijiet. Dan it-Tribunal ezamina bir-reqqa l-provi

kollha u b'mod partikolari x-xhieda tal-konvenut innfisu, u huwa tal-ferma konvinzjoni li l-konvenut naqas milli jgib prova perswasiva illi s-socjeta` attrici kienet konsapevoli illi n-negozju tal-kompravendita' tat-madum kien qed isir mas-socjeta` G.V. Gozo Developments Co. Ltd. u mhux mieghu prsonalment. Il-fatt li l-konvenut kien ta lil Andrew Zammit il-*business card* tal-kumpannija fejn kellu jibghat il-kont, kif jikkontendi l-istess konvenut, b'daqshekk dan ma kienx bizzejjed li hu kien ta x'jifhem lil Andrew Zammit li kien qed jaghmel in-negozju mhux f'ismu personalment, izda f'isem il-kumpannija tieghu. Il-fatturi hargu f'isem John Vella personalment, li jikkonferma li tnejn minnhom, u cioe' dokumenti AZ2 u AZ4 kienu gew iffirmati minnu stess, u f'ebda waqt ma gibed l-attenzjoni lis-socjeta' attrici biex il-fatturi johorgu f'isem il-kumpannija u mhux f'ismu. Dan aktar u aktar il-konvenut kien mistenni li jaghmlu meta skond hu, kellu l-hsieb li jitlob rifuzjoni tat-taxxa tal-VAT fuq il-materjal mixtri biex saru u tlestew ix-xogholijiet fil-*penthouse* tal-Imsida, Malta. Wahda minn dawn il-fatturi u cioe' dik markata dokument AZ2 sa giet saldata u nharget ricevuta fiskali f'isem il-konvenut. Il-konvenut jikkontendi li huwa qatt ma rcieva din l-ircevuta fiskali, izda ghalkemm ipprometta li kien ser igib prova li meta huwa ghamel il-hlas lis-socjeta' attrici, kien ghamlu permezz ta' cekk mahrug mill-kont bankarju tal-kumpannija tieghu, dan ic-cekk baqa' ma giex esibit. Anke' dan il-fatt wahdu lanqas ma kien ikun bizzejjed biex it-Tribunal jista' jasal ghal xi konkluzjoni li l-ftehim kien sar f'isem din il-kumpannija tieghu. Huwa maghruf li terza persuna tista' tissalda l-kontijiet ta' haddiehor kif previst mill-Artikolu 1148 tal-Kodici Civili. Lanqas ma jirrizulta li l-attur qatt ipprovda lis-socjeta' attrici bin-numru tal-VAT tal-kumpannija u lanqas qatt ma gibed l-attenzjoni lis-socjeta' attrici ghall-fatt li s-*statements* tal-kont li kellu pendenti mas-socjeta' attrici ma riedux jinhargu f'ismu, izda f'isem il-kumpannija tieghu. Inghad mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha fil-kawza **Joseph Grech vs Domenico Savio maghruf bhala Savio Spiteri et**, deciza fil-25 ta' Mejju, 2001, illi 'l-prova dokumentarja allura kienet pjenament tiggustifika lill-attur meta dan agixxa kontra l-konvenut personalment u din tkompli tigi msahha mill-affermazzjoni guramentata ta' l-istess attur illi sal-mument

meta pprezenta c-citazzjoni, hu ma kienx konsapevoli tal-fatt illi l-konvenut kien qed jiggestixxi n-negozju fejn gie konsenjat ix-xoghol bl-isem ta' xi socjeta`. Naturalment, kien mistenni illi l-konvenut jobbjetta.' ;

Fid-dawl tal-gurisprudenza li ghaliha qed jaghmel riferenza dan it-Tribunal, il-principju generali hu li biex persuna li qeghda tikkontratta ma torbotx lilha nnifsiha, huwa mehtieg li jigi pruvat li waqt il-kontrattazzjoni dik il-persuna indikat car u tond li qeghda tikkontratta ghal haddiehor. Jekk ma indikatx dan espressament, almenu jrid ikun jirrizulta sodisfacentement li l-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf illi dik il-persuna qeghda tikkontratta f'isem haddiehor (ara wkoll sentenza tal-Qorti tal-Kummerc fl-ismijiet **Zammit vs Rev. N.Okereke**, deciza fit-13 ta' Lulju 1991, u sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **E. Borg et noe vs R. Schembri**, deciza fit-28 ta' Mejju, 1973) ;

Mehud in konsiderazzjoni tal-fatti fuq imsemmija, dan it-Tribunal mhuwiex tal-fehma li meta sar il-ftehim il-konvenut kien ghamilha cara li huwa kien qieghed jidher ghan-nom tal-kumpannija G.V. Gozo Developments Co. Ltd.  u li n-negozju kien qieghed isir ma' din il-kumpannija. Mill-provi ma rrizultax li qatt ingibdet l-attenzjoni tas-socjeta attrici li l-klijent kienet il-kumpannija G.V. Gozo Developments Co. Ltd u mhux il-konvenut. Din l-eccezzjoni ghalhekk qeghdha tigi michuda ;

Il-konvenut eccepixxa wkoll li l-madum li gie kkonsenjat lilu ma kienx tal-kwalita' pattwita. Din l-eccezzjoni tal-konvenuta hi destinata wkoll li tfalli gjaladarba bil-fatt tieghu  stess il-konvenuta tilef kull dritt li seta' kellu. Hu ghazel li jzomm il-madum lilu konsenjata u naqas li jirreagixxi skond kif trid il-ligi meta kien konsapevoli mill-fatt illi l-konsenja ma kenitx konformi ghad-dettalji pattwiti. F'cirkostanzi konsimili hu gie li ppregudika rrimedjabilment il-posizzjoni tieghu. Fi kliem iehor hu ma kellux jippretendi li jzomm il-madum, u wahlu kollu, u baqa' u ghadu jaghmel uzu minnu sallum, biex imbaghad rinfaccjata b'talba ghall-hlas, jippretendi li ma ghandux ihallas lis-socjeta' attrici ghax deherlu li din ma onoratx l-obbligi

taghha. Dan l-ilment tieghu, fil-fehma ta' dan it-Tribunal, ma jistax ghalhekk jigi accettat jew sostenut u s-socjeta' attrici ma ghandhiex tigi kkastigata ghan-nuqqas tal-prosegwiment da parti tal-konvenut ta' dawk il-mizuri li kellu jiehu biex jissalvagwardja d-drittijiet tieghu. Hu principju komunement applikat fil-gurisprudenza li jekk bniedem ikun jaf bi stat ta' fatt li jintitolah jezercita dritt u jhalli dak l-istat ta' fatt jipprogredixxi minghajr ma jagixxi ghad-dritt tieghu, allura t-titolari tad-dritt jista' jitqies, fic-cirkostanzi kongruwi, li jkun irrinunzja ghal prosegwiment ta' dak id-dritt. [ara sentenza tal-Qorti Tal-Appell, (Sede Inferjuri), **Frederick Micallef pro et noe vs Mary Sullivan**, deciza fit-22 ta' Novembru 2002]. Din l-eccezzjoni qeghdha ghalhekk tigi michuda wkoll ;

A rigward l-eccezzjoni l-ohra tal-konvenut li l-prezz mitlub ma huwiex dak li kien gie miftiehem bejniethom, jirrizulta car mill-fatturi markati dokumenti AZ1 sa AZ5 li l-madum kollu li gie kkonsenjat inbiegh lill-konvenut ghall-prezz ta' sittax –il Euro u dsatax il-cenetezmi (€16.19) –il metru kwadru. Saru b'kollox hames konsenji u nharget fattura ghal kull konsenja, u tnejn mill-fatturi u cioe' dawk esibiti a fol. 13 u 15 tal-process il-konvenut jikkonferma li saru lilu direttament tant li ffirma l-fatturi relattivi. Kull fattura fiha kemm madum gie konsenjat, it-tip ta' madum li gie konsenjat, u l-prezz, u l-iskont moghti mis-socjeta' attrici. Wahda mill-fatturi u cioe' dik esibita a fol.12 tal-process sa giet saldata mill-konvenut u nhargitlu ricevuta fiskali, u l-prezz tal-madum ghal kull metru kwadru li gie kkonsenjat sussegwentement ghal dik il-fattura bl-ebda mod ma jvarja fil-prezz mill-konsenja tal-madum li saret permezz tal-fattura numru 12816 li l-konvenut kien issalda l-prezz taghha. Din l-eccezzjoni mhija bl-ebda mod sottratta mill-provi, u  qeghdha ghalhekk tigi michuda wkoll ;

Dwar l-ahhar eccezzjoni u cioe' dik li l-prezz kellu jigi pacut ma' somma li s-socjeta' G.V. Gozo Developments Co. Ltd. kellha tiehu minghand is-socjeta' attrici, apparti li s-socjeta' attrici G.V. Gozo Developments Co. Ltd. mhijiex parti fil-kawza u lanqas ma giet notifikata bl-atti mill-konvenut kif jipprovdi l-artikolu 6 tal-Avviz Legali 380.01, li kien obbligu tieghu li jinnotifika bl-atti lil din il-kumpannija

la darba skond hu, kellha nteress li tkun parti f'dawn il-poroceduri billi kellha twiegeb ghall-hlas mitlub mis-socjeta' attrici, minn imkien ma jirrizulta mill-atti li din il-kumpannija ghamlet xi xoghol lis-socjeta' attrici. Mix-xhieda tal-konvenut jirrizulta li missier l-ahwa Zammit, u cioe' Paul Zammit kien ordna xi xoghol tal-konkos ghand din is-socjeta', izda minn imkien ma jirrizulta jekk dan ix-xoghol giex ordnat minnu personalment jew ghall-kumpannija attrici. Dan Paul Zammit lanqas baqa' ma tharrek mill-konvenut biex jixhed. Barra minn hekk huwa principju stabbilit li t-tpacija ssir *ipso iure* meta tnejn huma debituri fil-konfront ta' xulxin. L-artikolu 1196 tal-Kodici Civili jistabilixxi li meta tnejn minn nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom it-tpacija *ipso iure*. Din it-tpacija ssir minghajr ma jkunu jafu d-debituri hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed, u d-djun jinqatlu wiehed bl-iehor sa fejn ikunu ndaqs. L-artikolu 1197 imbaghad jistabilixxi li t-tpacija ssir biss bejn zewgt idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett somma ta' flus u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu. Mill-atti jirrizulta car li filwaqt li l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici, din tal-ahhar mhijiex debitrici lejh f'ebda ammont, ghaliex *ex admissis* il-konvenut jistqarr li ghandha tiehu minghand is-socjeta' attrici hija s-socjeta' G.V. Gozo Developments Co. Ltd. u mhux hu personalment. Ghalhekk din l-eccezzjoni wkoll hija insostenibbli u qed tigi michuda ;

Ghaldaqstant ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi previa r-rigett tal-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' tmien mija u tnejn u sebghin Euro u disgha u erbghin centezmi (€872.49), bl-imghax legali mid-data tal-hrug tal-fatturi relattivi li baqghu ma gewx saldati sad-data tal-effettiv pagament ;

Spejjez kollha a karigu tal-konvenut, inkluzi tal-ittra ufficjali numru 554/2009.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------